MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Numru 90/2003

**Il-Pulizija**
(Spettur Bernard Zarb/ Spettur Angelo Caruana)
**vs**
**Eman Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Eman Zammit ta' 23 sena bin Carmelo u Michelina nee' Borg, imwieled Pieta' fid-29 t' Ottubru 1979 detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 506579 (M) u prezentament residenti gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Talli:
F'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, fil-05 ta' Gunju 2002, u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Xjentament laqa ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentament b'kull mod indahal biex imexxihom jew ibieghhom bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli wara li kien ikkundannat f'Malta ghal-serq, jew ghal ricettazzjoni, instab li kellhu fil-pussess tieghu, frottijiet, xtieli, jew prodotti ohra tar-raba' jew gonna, jew ta' flus, jew oggetti ohra, li ma kienux tal-kundizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu; inkella instabu ghandu mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghoddod ohra tajbin ghal-ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew insabu ghandu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma ta kont soddisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu f'dak iz-zmien, u dan bi ksur ta' l-artikolu 287 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kellhu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghal-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit -Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-raba (4) u s-sitt (6) taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta, li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli sar ricediv ai termini tal-artkoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mil-Qrati tal-Magistrati fid-dati tal-21 ta' Frar 2000 u 12 ta' Settembru 2000.

5. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-ligijiet ta' Malta moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-11 ta' Ottubru 2001.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kawza tieghu tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati.

Rat l-artikoli 334 u 18 tal-Kapitolu 9, ir-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.G. 292/1939) kif emendati u l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 kif wkoll l-artikolu 5 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija u tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga esebita (DOK BZ1) u ghal dan il-ghan qed tahtar lil-Ispizjar Mario Mifsud li diga irrelata dwarha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------